*30 ta' Novembru, 2010*

140/2010

**KONFERENZA TAL-AĦBARIJIET**

Data: Is-Sibt, 4 ta' Diċembru, 2010

Post: Palazzo de Piro, Mdina *(maġenb il-Katidral, fejn kien hemm l-iskola St. Dorothy's)*

Ħin: 10.00 a.m.

F'konferenza ta' l-aħbarijiet li se ssir nhar is-Sibt, 4 ta' Diċembru se jiġu esebiti għall-ewwel darba erba' riljievi tax-xema tas-seklu sbatax li minn studju li sar ġew attribwiti lill-iskultur Melchiorre Gafa'. Dawn ir-riljievi li għadhom kif ġew rrestawrati jirrappreżentaw in-nativita', l-adorazzjoni tar-rgħajja, it-tħabbira tal-Madonna u l-glorja ta' Santa Rosa ta' Lima. Ir-restawr ta' dawn ir-riljievi sar mid-ditta ta' restawraturi Sante Guido b'kollaborazzjoni mal-Kapitlu Metropolitan.

Dawn ir-riljievi se jiġu esebiti f' Palazzo de Piro li parti minnu għadu kif ġie rrestawrat u li se jkun parti mill-kumpless li jinkludi l-Katidral u l-Mużew tal-Katidral. Palazzo de Piro se jiġi inawgurat dakinhar stess fil-5.15 p.m. mill-Arċisqof Pawlu Cremona O.P.

Nistiednukom tibagħtu ġurnalist/fotografu/cameraman. Grazzi.